QALA

Ref Nru: 33

Il-minuti tat-tlieta u tletin laqgha tal-hames leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2010, fis-6:30 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech<br>Jesmond Borg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2. Ghazla ta' skrivan (skala 15).**

2.1 Is-Sindku semma li gie mahtur bord sabiex jaghmel l-intervisti lill-kandidati kollha li applikaw ghal vakanza ta' skrivan (skala 15). Dan il-bord kien maghmul mill-Kunsillier Victor Grech, mis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, minn Kevin Sciberras ex-Vici Sindku u ex-Kunsillier tal-Kunsill Lokali Qala u s-Sindku tal-Kunsill Lokali Sannat Philip Vella. L-intervisti saru nhar it-Tnejn u nhar it-Tlieta l-15 u s-16 ta' Frar 2010. Il-Kunsillier Victor Grech qara r-rapport li gie mhejji minn dan il-bord dwar l-intervisti li saru. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-ghazla li ghamel il-bord li hi ta' Jonathan Mifsud li joqghod 'Madonnina', Triq San Frangisk, Qala. Il-Kunsill qabel ma din l-ghazla. Gie deciz li l-bidu ta' l-impjieg tieghu ghandu jkun nhar it-Tnejn 1 ta' Marzu 2010. Il-Kunsill iddiskuta wkoll li hemm *probation period* ta' sitt xhur u li jekk ma jkunx sodisfatt bix-xoghol li jwettaq Jonathan Mifsud, ikollha jsir ghazla mill-hames kandidati msemmija fir-rapport.

**3 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* ghas-sena finanzjarja April 2009 - Dicembru 2009.**

3.1 Saret diskussjoni fuq il-*Financial Statements* ghas-sena finanzjarja April 2009 – Dicembru 2009. Wara dan il-Kunsill unanimament approva dawn il-*Financial Statements*.

**4 Diskussjoni u approvazzjoni ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u ta' l-infiq) ghas-sena finanzjarja 2010.**

4.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qassmet lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri kopja ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u ta' l-infiq) li hija ppreparat ghas-sena finanzjarja 2010. Saret spejgazzjoni fid-dettal ta' kif gew mqassma l-flus f'dan il-*budget*. Wara dan il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Budget* (l-estimi) ghas-sena finanzjarja 2010.

QALA

## 5 Diskussjoni u approvazzjoni tal-*Business Plan* 2010 –2012.

5.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qassmet lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri lista tax-xogholijiet u progetti li behsiebu jaghmel il-Kunsill minn 2010 - 2012. Saret spejgazzjoni fuq ix-xogholijiet u progetti li jistghu jsiru f'dawn it-tlett snin li gejjien. Il-Kunsill iddiskuta dan. Wara dan, il-Kunsill unanimament approva din il-lista.

## 6 Materji ohra.

6.1 Is-Sindku semma li nhar it-2 ta' Marzu 2010 fl-10:00 ta' filghodu ser issir attivita flimkien mat-tfal ta' l-Iskola Primarja President Anton Buttigieg Qala fejn ser jithawwlu s-sigar li ser jinghataw lill-Kunsill mill-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali lill-Onorevoli George Pullicino. Dawn is-sigar ser jithawwlu fil-*picnic area* fejn bhalissa qed isir xi xoghol u li huwa parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala. Ghal din l-attivita ser ikun prezenti l-Onorevoli George Pullicino.

6.2 Is-Sindku semma li hemm bzonn li jinxtara mohriet ta' l-idejn sabiex il-*handyman* ikun jista` jaghmel xoghol ta' hriet kull meta jkun hemm bzonn fil-*picnic area* imsemmi f'paragrafu 6.1. Giet trattata stima minghand Ronnie Mizzi - Brumi Sales Service ghal xiri ta' mohriet ta' l-idejn *petrol* jew *diesel*. Il-Kunsill qabel ma l-istima moghtija u qabel li ghandu jixtrieh *diesel*.

6.3 Il-Kunsillier Paul Buttigieg ssuggerixxa li ghandha tintbghat ittra ta' ringrazzjament lil Marco Cremona tar-rapport li huwa pprepara nkonessjoni ma' l-izvilupp propost fil-Wied tal-Marga, Qala, flimkien ma hlas dovut ta' €200 tax-xoghol professjonali sabiex hejja dan ir-rapport. Il-Kunsill qabel ma dan.

6.4 Il-Kunsillier Jesmond Borg ressaq il-problema li qed ikun hawn fil-lokalita` dwar skart li qed jithalla barra quddiem *farmhouses* mill-Maltin wara li jigu ghal xi btala. Is-Sindku semma li din il-problema suppost li ser tigi solvuta peress li l-Kunsill dalwaqt ser johrog sejha ghall-offerti ghal gbir ta' l-iskart domestiku u li l-hin tal-gbir ta' l-iskart ser ikun filghodu minflok filghaxija. Huwa staqsa wkoll dwar l-ittra li ghandha tinbghat lid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar il-latrina pubblika l-gdida fi Triq it-28 ta' April 1688. Is-Sindku semma li din l-ittra ser tinbghat.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar l-Erbgha 7 t' April 2010.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |